MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 332/2003

**Elenore Xuereb**
**Vs**
**Godwin West**

**It-Tribunal,**

**Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi, fejn l-attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas l-ammont dovut ta' Lm289.71 (mitejn u disgha u tmenin lira maltin u wiehed u sebghin centezmu) rapprezentanti danni sofferti mill-attrici fl-incident stradali li sehh fit-28 ta' Settembru, 2002 fil-Fgura, meta bi traskuragni, imperizja u negligenza l-konvenut li kien qed isuq vettura numru LAM-447 baqa' diehel fil-vettura misjuqa u propjeta tal-attrici numru tar-registrazzjoni NOV 009.**

**Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra legali tat-8 ta' Jannar, 2003 bl-imghax u b'hekk il-konvenut jibqa' ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut, debitament notifikat, baqa' ma pprezentax risposta.**

**Sema' lill-attrici tikkonferma bil-gurament li l-ammont ghadu dovut.**

**Jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici bl-ispejjes u interessi kif mitluba.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------